# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 8 ta' April 2002**

**Numru 3**

**Avviz. numru 1057/99mm**

**Avukat Dottor Michael Tanti Dougall ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Telecell Limited**

**vs**

**Elaine Meli u b'digriet tat-23 ta' Marzu, 2000 gie kjamat fil-kawza Giovanni Conte**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-attur nomine fis-7 ta' Lulju 1999 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuta li thallas is-somma ta' sitt mija u sitta u tmenin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm686.85c) bilanc ta' somma akbar, rapprezentanti access ghall-uzu ta' *mobile telephone* u *"airtime"* ghall-istess

uzu, moghti lill-konvenuta mis-socjeta' attrici ghall-perjodu mis-7 ta' Jannar 1997 sas-26 ta' Awissu 1997, oltre l-imghax fuq l-istess.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja datata 10 ta' Novembru 1997 u tal-ittra ufficjali ta' Novembru 1997 u bl-imghax legali kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn eccepiet:-

1. Illi l-konvenuta ma hiex responsabbli ghas-somma pretiza mill-attur nomine.

2. Illi tali somma kif dedotta fl-avviz ta' l-attur nomine hija unikament dovuta minn Giovanni Conte li fil-perjodu citat fl-avviz, kien jaghmel uzu esklussiv mill-mobile telephone in kwistjoni.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Marzu, 2000 fejn ordnat il-kjamat fil-kawza ta' Giovanni Conte.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza Giovanni Conte fejn eccepixxa:-

1. Li t-talba fil-konfront tieghu ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li hu ma dahal fl-ebda relazzjoni legali mall-attur nomine u di piu ma kienx il-persuna responsabbli tal-mobile.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi skond il-Ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax dwar in-nuqqas tas-socjeta' attrici li tesebixxi l-aktar dokument importanti ghal fini tat-tezi taghha, u cioe' l-kuntratt li gie maghmul bejn is-socjeta' attrici u l-konvenuta ghal provvista tal-*mobile phone.* Dan in-nuqqas pero' huwa maghmul tajjeb mix-xhieda tal-konvenuta fejn a fol 28 tammetti illi l-*mobile phone* gie registrat fuq isimha. Tikkonferma wkoll illi l-kuntratt iffirmatu hi. Il-kjamat fil-kawza Giovanni Conte ma kellu xejn u kollox kien f'isimha. Ammettiet ukoll illi l-formola ta' l-akkwist imlietha hi. Ma hemmx dubbju quindi, illi bejn il-partijiet hemm relazzjoni kuntrattwali fejn is-socjeta' attrici ntrabtet li tipprovdi servizz tal-*mobile phone*, u l-konvenuta ntrabtet li tircievi dan is-servizz, taghmel uzu minnu u thallas ir-rati pattwiti.

Il-kwistjoni li qamet bejn il-konvenuta u l-kjamat fil-kawza kienet tirrigwarda l-pussess u l-uzu tal-*mobile phone*. Verament il-Qorti ma tarax illi dina taghmel differenza wisq ghal fini ta' din il-kawza, peress illi r-relazzjoni kontrattwali qieghdha biss bejn is-

socjeta' attrici u l-konvenuta u mhux mal-kjamat fil-kawza li minnaha tieghu nnega li huwa kien jaghmel xi uzu minn dan is-servizz tal-*mobile phone*. Fi kwalunkwe kaz, il-quantum kif mitlub fl-avviz mhuwiex qed jigi kontestat.

Ikkunsidrat:

Minn dawn ir-rizultanzi processwali jirrizulta car illi l-konvenuta dahlet f'relazzjoni kummercjali mas-socjeta' attrici minn fejn irrizulta uzu ta' *mobile phone* fl-ammont indikat fl-avviz. Il-Qorti jidhrilha illi dak li gara bejn il-konvenuta u l-kjamat fil-kawza huwa *"res inter alios acta"* ghal fini tar-relazzjoni li l-konvenuta ghandha mas-socjeta' attrici.

Ir-responsabbilta' tal-konvenuta qieghdha fil-konfront tas-socjeta' attrici u hadd aktar, u ma tistax f'dan l-istadju timputa xi responsabbilta' fuq il-kjamat fil-kawza meta dana *"ex admissis"* ma ghandu l-ebda relazzjoni la kummercjali u lanqas legali mas-socjeta' attrici.

F'kawza deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Ottubru 1993 fl-ismijiet John A Scicluna noe vs Albert Cassar inqtal illi abbonat tat-*telephone* huwa responsabbli ghall-kontijiet kollha jekk ma jinnotifikax lic-Chairman tat-Telemalta ta' bdil fl-okkupazzjoni ta' post fi zmien sebat ijiem.

L-anologija ma' dan il-kaz huwa ovvju. Jekk obbonat ma jinformax lil min qed jipprovdi s-servizz fi bdil tat-titular, allura

dak l-abbonat jibqa' responsabbli ghall-kontijiet kollha illi johorgu fuq dak is-servizz. Dana gie konfermat diversi drabi fil-Qrati taghna u l-Qorti ma jidhrilhiex illi ghandha tvarja dan it-taghlim f'din il-kawza. Bhalma diga nghad, il-konvenuta dahlet f'relazzjoni kummercjali mas-socjeta' attrici, meta hija stess ammettiet illi ffirmat ftehim ma' l-istess socjeta'.

Ma giex kontestat li fuq dak is-servizz ma sarux il-kontijiet indikati fl-avviz, quindi ma hemm l-ebda raguni l-ghala l-Qorti m'ghandhiex tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenuta thallas l-ammonti hemm indikati. Jekk il-konvenuta jidhrilha illi dawn l-ammonti ghandhom ikunu mputabbli lil haddiehor, dina hija affari taghha biex tiehu l-mizuri li hemm bzonn, pero' zgur li ma tistax tqajjimha bhala oppozizzjoni ghat-talba attrici.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tal-attur nomine u tikkundanna lill-konvenuta li thallas is-somma ta' sitt mija u sitta u tmenin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm686.85c) bilanc ta' somma akbar, rapprezentanti access ghall-uzu ta' *mobile telephone* u "airtime" ghall-istess uzu, moghti lill-konvenuta mis-socjeta' attrici ghall-perjodu mis-7 ta' Jannar 1997 sas-26 ta' Awissu 1997.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz kontra l-konvenuta.

Anthony Zammit

Dep Reg